QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 14 TA' DICEMBRU 2001

Avviz Nru:- 1857/99DM

Joseph u Rita konjugi Mifsud

vs

Massimo Schiavone

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas id-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu KIA Pride KAA 207, fl-incident awtomobilistiku li sehh fiz-Zejtun fi Triq il-President Anton Buttigieg, ghall-habta tas-2.00 am, fit-22 ta' Awissu 1999, meta bil-vettura tieghu, ossija registrata fuq Carmen Schiavone, Seat Ibiza BAC 251, il-konvenut minhabba traskuraggni, sewqan eccessiv u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, dahal fl-attur u kkawzalhu danni ingenti li jeccedu l- Lm500

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-13 t' Ottubru 1999, u dik ufficjali tas-16 ta' Novembru 1999, kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tkun michuda bl-ispejjes kontrihom stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort l-eccipjent izda unikament htija ta' l-attur Joseph Mifsud

2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2001 fejn il-kontendenti jaqblu illi d-danni totali li sofra l-attur jammontaw ghas-somma totali ta' Lm453.55c.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2001 fejn il-konvenut mhux qed jikkontesta dan il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni tal-kontendenti illi kienu l-unici persuni involuti fil-kollizzjoni u l-ufficjal li investiga l-kaz.

Mill-isketch u l-accident report li mieghu jaqblu z-zewg kontendenti wiehed jista' facilment jikkonkludi x'kienu l-manuvri illi ghamlu kull wiehed mill-kontendenti. Infatti l-istess kontendenti jaqblu max-xorta ta' manuvra li ghamel kull wiehed minnhom izda ma jaqblux fid-dettalji tal-manuvra illi kull wiehed jallega li ghamel.

Infatti ghalkemm l-attur jammetti li biex idur ghat-triq li kellu fuq ix-xellug tieghu ried jisposta ruhu xi ftit lejn il-lemin ossia ghal nofs it-triq principali, huwa isosstni illi f'ebda mument ma qabez il-'crown of the road' imma li kien sposta ruhhu ftit lejn il-lemin biex setgha facilment jidhol fi triq fuq ix-xellug.

Min-naha tieghu l-konvenut jallega illi l-manuvra li ghamel l-attur kienet wasslithu oltre il-'crown of the road' biex b'hekk invada l-karreggjata tieghu u s-sorprendih.

Infatti l-konvenut isosstni illi l-attur tant mar lejn il-lemin tieghu illi huwa haseb illi l-attur ried idur fuq il-lemin tieghu kien mhux fuq ix-xellug u allura pprova jevitah.

Minhabba f'hekk il-konvenut pprova jevita lill-attur billi huwa kiser lejn il-lemin tieghu biex jghaddi bejn il-vettura tal-attur u n-naha l-ohra tat-triq fuq il-lemin tieghu. Izda l-attur, f'daqqa wahda, kiser lejn ix-xellug tieghu meta l-konvenut kien ghaddej minn bejn il-vettura tieghu u t-triq li taghti ghal Marsaxlokk.

Min-naha tal-attur, ghalkemm huwa jaqbel illi l-konvenut ipprova jghaddi minn bejn il-vettura tieghu u n-naha tal-lemin tat-triq tieghu, hu allega wkoll illi l-konvenut kien qieghed isuq b'velocita ezagerata ghal dak il-lokal.

Minn ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u mill-indizji illi joffri l-isketch maghmul mill-ufficjal tal-pulizija, jirrizulta illi min-naha tal-attur il-manuvra li ghamel ma kienetx limitata ghal dak essenzjali biex jirnexxi d-dhul fit-triq tax-xellug. Infatti jirrizulta illi bil-manuvra tieghu l-attur effettivament kien qabez il-'crown of the road' invada l-karreggjata tal-konvenut qabel ma ddecieda biex idur f'daqqa fuq ix-xellug.

Dan jirrizulta mill-isketch. Infatti meta l-'ispot of impact' kien 3.3 metri l-boghod mit-tarf tat-triq fuq ix-xellug tal-attur u l-impatt kien man-naha ta' quddiem tal-vettura tal-attur dan ifisser illi meta grat il-habta l-quddiem tal-vettura tal-attur kien 3.3 metri l-boghod min-naha tal-lemin tat-triq. Billi t-triq hija wiesa' 11.6 metri dan jimplika illi l-'crown of the road' kien 5,8 metri l-boghod mil-lemin tat-triq ghall-attur ossia, 2.3 metri mill-parti ta' quddiem tal-vettura tal-attur li kienet involuta fil-kollizzjoni.

Billi wiehed ghandhu jipprezumi illi fil-mument tal-habta stante li l-kantuniera fejn intlaqtet il-vettura tal-attur li ma kinetx miexja parallelament mal-gnub tat-triq f'2.3

metri l-stess vettura bil-fors kellha parti minnha li kienet sporguta oltre l-'crown of the road' fil-karreggjata tal-konvenut.

Dan jimplika illi l-attur definittivament inkontribwixxa ghall-kollizzjoni bl-invazzjoni tal-karreggjata tal-konvenut. Oltre jirrizulta wkoll illi l-prezenza tal-konvenut fit-triq kellha tkun bizzejjed biex iggieghel lill-attur illi jiehu iktar prekawzjonijiet u jghamel il-manuvra tieghu meta jkun accerta ruhhu li ma kienx ser jiddisturba t-traffiku l-iehor li qed juza t-triq.

Min-naha tal-konvenut jirrizultaw ukoll nuqqasijiet. Infatti billi da parti tal-attur ma tirrizulta ebda velocita jew xi manuvra maghmula ghall-gharrieda, kien aspettat mill-konvenut illi jinduna bil-prezenza tal-attur u bil-manuvra li kien qieghed jghamel u minflok jibqa ghaddej bl-istess velocita' huwa kien tenut illi ma joqghodx fuq l-impressjoni instantanja izda kellu jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jara effettivament x'kienet il-manuvra tal-attur.

Dawn il-prekawzjonijiet kienu jinkludu l-moderazzjoni sew tal-velocita'. F'ebda mument il-konvenut ma allega illi l-attur ghamel xi manuvra f'daqqa illi ssorprenditu izda jghid illi huwa ghazel illi jghaddi mill-karreggjata tan-naha l-ohra ghaliex assuma li l-attur ser idur fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti apparti illi ghandu jirrispondi l-konvenut ghal din l-assunsjoni zbaljata jidher illi huwa setgha kien ukoll marbut li jghamel din il-manuvra billi l-velocita' tieghu, indikata mill-brake marks li halla, kienet oltre dik konsentita mill-ligi ghall-lokalita'.

Ghaldaqstant jirrizulta illi z-zewg kontendenti huma responsabbli ghal- kollizzjoni in kwistjoni bir-responsabbilta tal-attur pero fi grad ghola minn dik tal-konvenut billi l-manuvra tieghu effettivament kienet il-kawza principali tal-kollizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda issib liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall kollizzjoni bir-responsabbilta tal-attur fi grad ta' ¾ u dik tal-konvenut fi grad ta' ¼.

Ghaldaqstant il-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attur il-1/4 (quart) tad-danni illi huwa soffra fl-incident u billi dawn id-danni gew likwidati fis-somma totali ta' Lm453.55 (erba' mija tlieta u hamsin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi) qieghda tilqa t-talba tal-attur limitata ment billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur in linea ta' danni u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma ta' Lm113.40 ( mija u tlietax il- liri Maltin u erbghin centezmi);

Bl-ispejjez jithallsu inkwantu ghal ¾ mill-attur u ¼ mill-konvenut.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21